MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 149/2013

**J.N.M. Micallef (Ta' Karla) Limited**
**(C 50041)**
**vs**

**Charles Grima**
**(ID 475878M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' Mejju 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, sebgha mija u disgha Euro u dsatax-il centezmu (€4,709.19) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibghuta u kkonsenjata fuq talba tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru, u bl-imghax mis-17 ta' Mejju 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikat lill-intimat fit-28 ta' Lulju 2013 (fol 7 tergo).

Rat illi fid-9 ta' Settembru 2013, gewwa ir-Registru tal-qorti, l-intimat bil-gurament tieghu ippresenta nota illi fiha ammetta t-talba kif dedotta (fol 8).

Rat illi fis-seduta appuntata, ossija 30 ta' Settembru 2013, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq ammissjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut u wara illi semghet in-nota ta' ammissjoni, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallash lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, sebgha mija u disgha Euro u dsatax-il centezmu (€4,709.19) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibghuta u kkonsenjata fuq talba tieghu.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------